MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Numru. 684/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
v

**JOSEPH BIANCO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH BIANCO** bin Francis u Carmela nee Fenech, imwieled nhar s-sittax ta’ Dicembru 1958 u residenti 14, Triq il-Munxar, Ghawdex, jew ‘Ta’ Pawlu’, Triq Margaret Murray, Naxxar, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 8959M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fix-xahar ta’ Lulju 2006, bi hsieb li jezercita dritt li jippretendi li ghandu, qala u qata u naddaf xi haxix ta’ ghalqa li qeghda fil-bajja tax-Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex li tmiss punent ma Triq l-Ghar ta’ Karolina u li hi proprjeta tal-eredi ta’ Pawlu Mercieca.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kopja tal-kuntratt bhala Dok. Z u l-pjanta Dok. Y, l-hames ritratti li gew immarkati bhala Dok. A sa E, z-zewg ritratti u zewg kuntratti esibiti mill-prosekuzzjoni bhala Dok. GG1 sa GG 4, kif wkoll d-dokumenti esibiti mill-imputat u cioe *site plan* mmarkata bhala Dok. JB 1, kuntratt t'akkwist immarkat bhala Dok. JB 2, zewg kuntratti mmarkati bhala Dok. JB 3 u Dok. JB 4, hames ritratti mmarkati bhala Dok. JB 5 sa JB 9, pjanta mmarkata bhala Dok. JB 10, ritratt iehor immarkat bhala Dok. JB 11, pjanta mmarkata bhala Dok. JB 12, tlett ritratti mmarkati bhala Dok. JB 13 sa JB 15, pjanta mmarkata bhala Dok. 16, kopja ta' citazzjoni mmarkata Dok. JB 17, ritratt iehor markat bhala Dok. JB 18, pjanta ohra mmarkata bhala Dok. JB 19 u kopja tal-Mandat t'Inibizzjoni mmarkat bhala Dok. JB 20.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Rosina Cauchi, lil Anton Tabone, lil Mariano Tabone, lil John Tabone, lil Margerita Mizzi, kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll l-provi tad-difiza Maria Mercieca u Saviour Sciberras.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant hi kjarament dik ta' *ragion fattasi* kif dispost fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna:-

"(1) Att estem li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
(2) Il-kreden

(3) Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika

(Jew, fi kliem il-**Crivellari, *Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc***., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749,'*la persuasione di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato*'); u

(4) In-nuqqa

**Charles Farrugia,** Appell Kriminali - 17 ta' Frar, 1995; **Il-Puliziia vs Carmelo Ciantar -** 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll **Falzon, G.**, **Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta)**, 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali, jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor, ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala ntenzjoni specifika jew intenzjoni generika" (vide Appell Kriminali deciz nhar il-15 ta' Novembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Lungaro. )**

Ai finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* "*il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi*" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zahra, -** 16 ta' Lulju 1958 - Vol. XLII.iv. 1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu, ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett.

Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali m'hemm ebda bzonn li jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bhala fatt, li din l-ghalqa tinsab wara l-bitha proprjeta tal-imputat u tinsab f'livell aktar gholi mill-art tal-bitha tieghu. Jirrizulta li din hija cirkondata b'hajt u li m'hemmx access ghaliha.

Ix-xhud tad-difiza, certu Saviour Sciberras ighid li huwa ghen lill-imputat sabiex inaddaf din l-ghalqa zmien ilu, billi qabzu c-cint tal-bitha tieghu li jaghmel appogg ma l-ghalqa 'n kwistjoni u dan fis-sena 2006. Dan Saviour Sciberras ighid li dakinhar fuq il-post ma kien kellmu hadd. Mistoqsi jekk qattx ra xi hadd jahdem din l-ghalqa, iwiegeb

fin-negattiv ghalkemm huwa ilu joqghod fl-ewkati ghal diversi snin.

Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta' din l-ghalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta' dan ir-reat m'hemmx lok li jigi ppruvat it-titolu; huwa necessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova il-pusess u li tali pussess gii mfixkel b'azzjoni ta' terzi sabiex b'hekk il-possessur ma setghax igawdi il-pussess liberu tal-oggett.

Interssanti pero hu li jirrizulta minn dak li xehed ix-xhud tal-prosekuzzjoni Tabone li fis-sena 1995 huwa kien qed jaghmel bieb li jinfed ghal din l-ghalqa u gie mwaqqaf mill-imputat u min dakinhar 'l quddiem m'ghamel xejn aktar u lanqas m' ikkontesta d-decisjoni, ghalkemm setghet kienet arbitrarja tal-imputat. Adirittura, l-imputat ighid ukoll, li fis-sena 2004 kien qabbad xi nies sabiex jizbru is-sigar li kien hemm f'din l-ghalqa u hadd ma kien kellimhom.

**Maria Mecieca** xehdet u qalet li l-art hija proprjeta taghha gejja mill-wirt ta missierha. Spjegat li kienet art zdingata bix-xewk u bajtar. Qalet li qatt ma rat lil hadd jahdimha minn meta wirtitha. Spjegat li r-ragel ta' bintha certu Salvu, kien ghen lil Tabone inaddaf din l-art u hadd ma kien kellimhom. Lilha hadd qatt ma talabha l-art. Qalet li wara dan l-episodju pero l-kwerelant kien ippretenda li l-art kienet tieghu. Ikkonfermat li ghal dawn l-ahhar tletin sena qatt ma rat lil hadd jahdem din l-art. Qalet wkoll li kienu jaqtghu l-frott minnha. In kontr'ezami kkonfermat ukoll li fl-ghalqa kienet tidhol fix-xhur tas-sajf u qatt ma rat l-ebda tibdil fiha.

Il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu tipprova li l-kwerelanti kellu l-pusess tal-art sabiex imbaghad tista tghid li gie spoljat minnha. Illi pero mill-provi ma jirrzultax li xi hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kellu l-pussess effettiv taghha tant li lanqas access ma kien hemm.

Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-art tappartjeni lil kunjata tal-imputat u li l-imputat kien registrat li jahdimha. Irrizulta wkoll li meta bena xi hajt madwar l-ghalqa permezz ta' hajt tas-sejjieh hadd ma kien kellmu u li l-kwerelant kelmu

hafna snin wara, lanqas meta l-imputat kien waqqaf li Tabone milli jiftah bieb ghal gol ghalqa snin qabel.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti ma jirrizultax li efettivament jirrizultaw l-elementi rikjesti ghall-esistenza tar-reat kif imsemmija aktar ‘l fuq u dan ghaliex ma jirrizultax li f’xi mument haseb li jiehu l-ligi b’idejh, izda dejjem kien taht l-impressjoni li l-art hija proprjeta tal-kunjata, u li dak li kien qed ighamel, kien qed ighamlu b’mod legittimu.

**Illi ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li mhux qed ssib lil imputat JOSEPH BIANCO hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------